# WEGĦDA MIKSURA

Kien waqt l-"*Ave Marija*" f'dik il-ħmura ta' swied il-qalb li tagħmel ix-xemx f'inżulha, xbejba raħlija, b'xuxitha nofsha maħlula u mħabbla u b'għajnejn miksura u mdemmgħa, minn fuq quċċata ta' għolja, kienet tħares fil-bogħod, għal fuq ix-xefaq safrani, fejn vapur kbir b'daħna li qatt ma taqta', kien sejjer jieħu għal ġewwa l-lvant.

Fuq dak il-vapur kien hemm il-maħbub ta' qalbha li telaq għall-Awstralja. L-imgħoddi bil-hena tiegħu u li ġej bl-imrar u l-baħħ li sa jħalli warjh Ġanni, kollox għaddej minn moħħha b'daqqiet ta' ferħ u oħrajn ta' dwejjaq. Fuq kollox l-aħħar laqgħa ta' l-bieraħ fil-għaxija u l-ħwejjeġ sbieħ li qalu bejniethom: Ġanni ħallieha mhux le biex jeħles minnha, imma għax kien iħobbha; hu ried isiefer biex ifaddal xi erba' ħabbiet, jirtabat magħha u jgħixu fil-hena. Kemm kien ħelu dac il-kliem li ħareġ minn fommhom! Marija ta' xebba miġbura li hi, twissih biex ikun żagħżugħ għaqli, biex jaħrab il-ħbieb ħżiena u joqgħod dejjem miġbur; u fuk kollox li ma jinsiex it-talb li mdorri jgħid, u t-talb lill-Madonna ta' Pinu, li tant kien iħobb. U Ġanni bil-ħlewwa u s-sabar iwiegħed kollox u fuq kollox imħabbtu, għax kien tassew jaf iħobb. Imma tara l-vapur qiegħed igħib, miksi bid-dlam li nieżel fuqu u minnu-fih tarfa' l-maktur tagħha kollu dmugħ u xxejjer bħalha l-aħħar tislima. Imbagħad donnha milquta minn xi dawl mis-sema, tinxeħet għar-rkobbtejha fl-art u tagħmel wegħda lill-Madonna ta' Pinu, li ta' kull jum meta tkun tista' tmur iżżurha. Qamet minn hemm mifnija bl-għeja u d-dwejjaq u niżlet għad-dar tagħha ttalla' u tniżżel ġo moħħha dak li għadda minn għaliha.

Imma barra mid-dwejjaq tal-firda Marija kellha dieqa akbar: il-biża' li anqas il-wegħda li għamlet ma setgħet tneħħilha l-ħsieb li Ġanni għandu jqarraq biha. Kienet taf tajjeb, minn dak li jgħidu, x'ħażen hemm barra; kienet taf b'ħafna ġrajja ta' rgiel twajba bħalu, li meta messew dik l-art qalbu għal kollox. Mnejn kienet gejja l-marda Marija, imrobbija qalb il-widien u n-ngħaġ tagħha, ma kinetx taf tgħid, imma min għandu ftit tad-dehen ma jridx wisq biex jintebah.

Ġanni ma' l-ewwel art li kien jaqbad kien dejjem igħarrafha. Fl-aħħar, wara xahrejn wasal u bil-għajnuna t'Alla qabad ix-xogħol, u beda jaqla' l-flus ġmielu. X'ferħ minnaħa ta' Marì meta saret taf b'dan! Dal-waqt jiġi k'Alla jrid..., j'Alla l-Madonna tgħinu, iżżommu qawwi u sħiħ u tħarrbu mit-tiġrif!—Dam għal bosta xhur jitkbilha, u hi bi kbira ħrara twieġbu. Imma darba waħda l-ittra ma waslitx bħal dari (l-ittri kienu jaslu kull ħmistax); qalbha għamlet tikk: "Hawn aħna dak li kont nibża'!" Madankollu, billi kienet għadha tistenna, ma qatgħetx qalbha. Imma meta l-ittri ma gewx iżjed, qalbha nqasmet tnejn. "Hawn huma l-wegħdi li għamilli, il-kliem ta' mħabba li qalli!... Min jaf ma' min iltaqa'? Hux ma' xi nies ħżiena?..." Kienet bdiet taqta' jesha, imma ftakret fil-wegħda u minnufih qalbha xegħlet mill-ġdid bit-tama. "Le, il-Madonna ma tħallinix; hi l-Omm t'Alla li jista' kollox, u għalhekk sgur tarġa' ġġibhuli." U ta' kull fil-għaxija kienet tibqa' titlob aktar bil-ħeġġa u bil-ħrara, f'rokna ta' dik il-knisja żgħira, mdawla b'żewġ xamgħat u bi tliet lampieri, titlob f'dak is-skiet qabri miksur biss bit-tpespis ta' xufftejha, bil-leħġa qawwija li daqqiet kienet toħroġilha minn qalbha.

U kif kien ħalliha Ġanni? Dana, malli dara l-art bil-ħażen tagħha u għamel il-ħbieb, ma damx sa dawwar il-boxxla. Huwa kien ħaruf wisk għaqli għal idejn dawc il-lpup. Tagħlim nisrani kien jaf wisq ftit biex ikun jista' jżomm sħiħ għal l-egħdewwa, bħal skoll f'nofs ta' baħar qawwi; u għalhekk dawn ma ridux wisq biex jagħilbuh. Tgħallem malajr jistmell il-ħajja nisranija u kull ma għandu x'jaqsam magħha; u l-qdusija taż-żwieġ kienet saret għalih ħaġa bla tifsir. Għodos fil-ħama ta' cull ħażen, bi kbira ħsara ta' ruħu u ta' gismu.

Darba waħda wakt li kien sejjer bil-lejl għall-ħanut tat-tbaħrid, laqtitu karozza hu u jaqsam it-trieq, u ħaduh l-isptar. Hemm dam żmien twil mingħajr ma sata' jfieq. Dwejjaq kbar kienu jgħammdulu qalbu bħal sħab kbir xitwi. Ħadd mill-ħbieb ma kien imur jarah. Sikwit kien igħaddi minn moħħu dak iż-żmien li għadda f'raħlu iż-żgħir bin-nies twajba tiegħu, dik il-knisja sabiħa bid-daqq ħelu tagħha li ta' kull fil-għodu u fil-għaxija kienet tgħajjatlu għal-ħdanha, dik l-omm u dak il-missier li tant ħabbewh u bkewh, u fost l-oħrajn

dik il-ħelwa ħlejqa, dak ix-xagħar qastni, dawk l-għajnejn suwed u dawk ix-xufftejn u wardiet ħomor lewn il-qroll. Meta kien jiftakar f'dawn il-ħlewwiet kollha u jqabbilhom mal-ħajja ħażina li għadda kemm kien ilu hawn, qalbu timtela bl-akbar imrar. Kien it-talb ta' dik ix-xbejba li kien qed iżommu ħaj. Dak it-talb wasal saħansitra biex igibu mill-ġdid għas-sewwa.

Għodwa waħda, meta Ġanni kien jinsab wisk iżjed imdejjaq minn qabel, jiġi l-qaddej iħabbarlu li ġie wieħed jarah. Kien Dun Gejt, Kappillan tal-Maltin ta' hemm. Dan, malli sama' bil-biċċa ta' Ġanni, malajr ħaseb li dak kien il-waqt biex jara jġibux għalli kien. U t-tir ma marlux żmerċ. Għalkemm Ġanni xejn ma kien jaħimlu lil Dun Gejt, forsi talli dan kien iwissih u jfittex li jbiegħdu mill-ħażen, u min jaf kemm laħaq għajru li l-qassisin huma l-agħar nies tad-dinja, u li m'għandhomx iżjed il-ħila jidħku bih bħalma kienu jagħmlu meta kien Malta, imma din id-darba huwa kien jinsab wisq magħfus u mdejjaq biex iżomm sħiħ għall-kliem ta' biża', imma ta' mħabba, ta' dan il-qassis twajjeb, u għalhekk qagħad għal kulma dan qallu. Qarr qrara sewwa u ma nisiex isemmi dawk l-ittri ħżiena li bosta drabi bagħat lil ħbiebu tar-raħal u li bihom kien qed jaqlibhom kollha. U hekk il-qalb ta' Ġanni reġgħet tbiddlet u xtaqet il-ħajja sabiħa tar-raħal tiegħu.

L-ewwel ħaġa li għamel wara dan, għarraf lil tad-dar u ma nisiex ix-xebba li kien reġa' beda jħobb bħal qabel. Tista' taħseb il-ferħ li din ħasset għal din l-aħbar li għal sitt-snin sħaħ kienet ilha tixtieq. Hi ħafritlu ta' kollox u tatu l-kelma li l-imħabba tagħha għalih qatt ma kienet naqset.

Malli fieq, Ġanni telaq bil-ftit ta' gid li kien fadallu għal artu. Meta mar jieħu l-barka minn għand Dun Gejt, dana tah ittra lil qassis ieħor Malti, ħabib tiegħu, u kien fiha dawn il-kelmiet.

Għażiż Dun Lawrenz,

Nerħilek f'idejk dan iż-żagħżugħ, li hu wieħed mill-ftit ngħaġ li nstabu, fost ħafna li ntilfu. Hu ħsiebu, li d-drawwiet ħżiena ta' qabel ma jarġgħux jirkbuh u jaħfnuh bħal qabel.

Mill-Maltin li jiġu hawn ma sibtx wieħed li ma jiġrilux bħalu. U dan taf għaliex? Għax il-Maltin mhumiex imrawma kif għandu jkun fit-tagħlim nisrani. Il-ħażen t'hawnekk ma jsibx x'jil-qagħlu fihom u għalhekk malajr jirbaħhom. Għandkom tifhmu-ha li sakemm il-Maltin jibqgħu isiefru għandkom iżżommuhom bħallikieku qegħdin jgħixu diġa qalb il-ħżiena, u għalhekk tfittxu tgħallmuhom sew fit-twemmin nisrani, bħal ma jagħmlu l-insara t'hawn u ta' artijiet oħra. Ftakru li d-dinja m'għandhiex li kienet, u aħna, wisq aktar il-qassisin li għandna hekk toqol kbir fuk spallejna, għandna nimxu maż-żmenijiet.

Dan kollu biex infiehmek il-biċċa, li int forsi minn hemm ma tistax tagħraf sewwa bħali, li ninsab ġo fiha.

Għal lum xejn iżjed. Biss narġa' ngħidlek tieħu ħsieb dan iż-żagħżugħ. Inselli għalik.

Ħabibek,
Dun Ġejt.

Ġanni b'din l-ittra miegħu, mimli bil-ferħ u b'rieda tajba li jsewwi għall-ħażen li kien għamel, telaq lejn artu, biex min hemm ma jitħarrikx iżjed. Wara xahrejn għerusija iżżewweġ ma' Marì u għax magħha fil-hena l-bqija ta' ħajtu u patta għal dak iż-żmien li qagħad mifrud minnha.

WIGI PORTELLI